**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Kumpilazzjoni Nru. 632/2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christabelle Chetcuti)**

**vs**

**Andreas Buhagiar**

**Illum, 9 ta' Jannar, 2019**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

> "**Andreas Buhagiar** detentur ta' karta ta' l-identita bin-numru 256093(M)."

Akkuzat talli:

> "nhar it-13 ta' Dicembru 2017 ghal habta ta' bejn l-10.30hrs u 13.30hrs gewwa Triq Haz-Zabbar, f'dawn il-gzejjer Maltin:

1. Ikkommettejt serq ta’ spoiler minn vettura ta’ l-ghamla Mercedes Benz bin-numru ta’ registrazzjoni Desirajr liema serq huwa aggravat bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta’ elfejn tlieta mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta’ Dennis Desira.

2. U aktar talli fl-istess data volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ vettura ta’ l-ghamla Mercedes Benz bin-numru ta’ registrazzjoni Desirajr gad-detriment ta’ Dennis Desira, liema ammont ta’ hsara ma jiskorriex elfejn u hames mitt Ewro (€2,500), izda huwa izjed minn mitejn u hamsin Ewro (€250).

3. U aktar talli fl-istess data ksirt kundizzjoni ta’ sentenza mghotija lilek nhar it-30 ta’ Lulju 2017 mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. F. Depasquale LL.D liema sentenza hija dik ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba’ snin a tenur tal-art 28(A) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4. U aktar talli fl-istess data, irrendejt ruhek recidiv ai termini tal-artikoli 289, 49, 50, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li gejt misjub hati b’sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti hija mitluba li f’kaz ta’ htija t’ordna direttiva li tobbliga lill-hati li jirrestitwixxi lill-parti offiza kull haga minnu misruqa

jew akkwista bi qliegh iehor kontra l-ligi, bi hsara ta' dik il-parti bi jew permezz tar-reat li dwaru jkun gie misjub hati hekk kif imsemmi fl-artikolu 28H tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-ammissjoni tal-imputata;

Semghet lill-imputat jikkonferma l-htija tieghu fis-seduta tal-05 ta' Dicembru 2018;

Tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu u wara li l-Qorti spjegatlu l-portata tal-akkużi reġa' ammetta l-akkużi kif dedotti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Illi waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat rega' afferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien ragonevoli jirrikonsidra il-posizzjoni tieghu u tali ammissjoni u affermazzjoni giet debitament registrata;

Illi stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat;

Rat l-Artikoli 261 (c) u (g), 271 (g), 279 (a) u 325 (1) (b) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat ukoll l-Artikoli 28 (a) u (g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-imputat irritorna r-rifurtiva skond kif jirrizulta mill-ircevuti esebiti mill-Prosekuzzjoni Dok CC3 u CC4 a folio 31 u 32 tal-process.

Rat illi fis-seduta tal-05 ta' Dicembru 2018, l-imputat obbliga ruhu li jhallas il-hsara li ghamel fl-ammont ta' mitejn u tmenin Ewro (€280) skond l-istima esebita mill-prosekuzzjoni Dok CC5 a folio 33 tal-process.

Fehmet iċ-ċirkustanzi kollha tal-imputat u wara li rat il-Liġi u l-fatti kollha miġjuba quddiemha, minn liema jirrizulta wkoll li l-imputat qieghed taht Ordni ta' Trattament u Ordni ta' Probation, u ghalhekk l-imputat illum il-gurnata qed jiehu kura ghad-dipendenza tieghu bi programm appozitu,

**Tikkundannah** għal sentenza ta' priġunerija għal żmien ta' **sentejn**, sospizi ghal erba' snin u liema ordni ghalhekk ma tibdiex isseħħ ħlief jekk, matul periodu ta' **erba' snin mil-lum**, l-imputat jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija, u dan a tenur tal-Artikolu 28 (a) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta; u **Tpoggih taht** Ordni ta' Probation taht l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-perjodu ta' tliet (3) snin mil-lum; kif ukoll **Tordna** li s-sentenza sospiza datata tletin (30) ta' Lulju, elfejn u sbatax (2017) mill-Magistrat Dr. Francesco Depasquale LL.D. terga' tibda tiddekorri mill-gdid u s-sentenza sospiza datata hdax (11) ta' Gunju, elfejn u tmintax (2018) mill-Magistrat Dr. Claire Zammit Stafrace LL.D. terga' tibda tiddekorri mill-gdid.

Il-Qorti tordna wkoll li d-Digriet anness ma' din is-sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-Probation Order jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur